2 ta' April, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Gammari Darmanin

**Sentenza — Nullità — Preċett Penali — Art. 399 (4) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk l-imputat jinsab preċettat b'sentenza, taħt garanzija, li għandu jżomm il-bon ordni publiku, u jikkommetti kontravvenzjoni li biha jikser dik il-garanzija, u l-Qorti ssibu ħati ta' dik il-kontravvenzjoni, imma fl-istess ħin ma tikkundannahx ta' dik il-kontravvenzjoni u tikkundannah biss għall-ħlas ta' l-ammont tal-garanzija li huwa kiser b'dik il-kontravvenzjoni, dik is-sentenza hija nulla.*

*Għax il-liġi hija pożitiva fis-sens illi l-ħlas tal-garanzija ma jeżimix l-imputat li kiser il-garanzija mill-piena tar-reat li bih huwa kisirha. U hija wkoll liġi pożitiva illi l-Qorti, wara li tgħid il-fatti li tagħhom ikun instab ħati l-imputat, għandha tagħtih il-piena kontemplata mill-liġi; u din hija formalità sostanzjali li, jekk ma tiġix osservata, tagħti lok għall-annullament tas-sentenza.*

*Għalkemm huwa desiderabili li tinġieb anki l-prova ta' l-assunzjoni tal-garanzija, però, meta l-Pulizija tipproduċi kopja tas-sentenza li mponiet il-garanzija, tinħoloq il-preżunzjoni li l-garanzija ġiet assunta, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja. Imma jekk lanqas ma tiġi prodotta kopja tas-sentenza, ma hemmx prova tal-vjolazzjoni tal-garanzija, u l-imputazzjoni dwar il-ksur tal-garanzija taqa'.*

L-imsemmi Darmanin ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq erba' imputazzjonijiet:— 1. Iddisturba l-ordni publiku bl-għajjat f'ħanut tax-xorb publiku; 2. Kien xurban u fi stat li ma kienx kapaċi jieħu kura tiegħu nnifsu; 3. Tkellem oxxen u faħxi fil-publiku; 4. Insulta lil Ernest Butters;

U ġie wkoll imputat li b'hekk kiser il-garanzija lilu imposta bis-sentenza tal-31 ta' Ottubru 1947;

Il-Qorti t'Isfel, fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Jannar 1948, sabitu ħati, u kkundannatu jħallas il-penali ta' £20 tal-garanzija;

Darmanin appella;

Is-sentenza appellata hija nulla. Infatti l-Maġistrat, għalkemm sab lill-imputat ħati ta' l-erba' imputazzjonijiet

fuq imsemmijin, ma kkundanna lill-imputat għal ebda piena għal dawk l-erba' kontravvenzjonijiet, u kkundannah biss għall-ħlas ta' l-ammont li fih kien ġie preċettat;

Issa hi liġi pożitiva (art. 390 (4) Kap. 12) illi l-ħlas ta' l-ammont tal-garanzija ma jeżimix lill-persuna li tkun kisret il-garanzija mill-piena tar-reat li bih tkun kisritha. Huwa wkoll liġi pożitiva illi l-Qorti, wara li tgħid il-fatti li tagħhom ikun instab ħati l-imputat, għandha tagħti l-piena kontemplata mil-liġi (art. 394 idem). Peress li, kif inhu ċar, d'na hija formalità sostanzjali, għalhekk hemm lok għall-annullament tas-sentenza (art. 440 (3) idem);

Din il-Qorti għandha konsegwentement tgħaddi hija għad-deċiżjoni tal-kawża;

Mill-provi mismugħa, mhux eskluża dik ta' l-istess imputat, l-erba' imputazzjonijiet ġew pruvati għas-sodisfazzjon tal-Qorti;

Kwantu għall-vjolazzjoni tal-garanzija, din il-Qorti rriteniet fil-kawża "Pulizija vs. Salv. Mallia", deċiża l-lum, illi, għalkemm hu desiderabili illi tinġieb anki l-prova ta' l-assunzjoni ta' l-obligazzjoni, però, meta l-Pulizija tipproduċi kopja tas-sentenza li imponiet il-garanzija, tinħoloq preżunzjoni li l-garanzija ġiet assunta, f'nuqqas ta' prova kuntrarja għall-imputat;

Issa f'dan il-każ ma ġiet lanqas biss eżibita kopja tas-sentenza; u għalhekk tonqos il-prova meħtieġa;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi;

Billi ssib l-imputat ħati..............;

U wara li rat l-art.............. tikkundanna lill-imsemmi Darmanin għall-piena ta' l-ammenda ta' għaxar xelini għal kull kontravvenzjoni — £2 b'kollox — jitħallsu żmien għaxart ijiem;

Tiddikjara li, minħabba insuffiċjenza ta' provi fis-sens premess, ma hemmx lok għall-kundanna tal-vjolazzjoni tal-garanzija.